DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1958

tal-25 ta' Novembru 2019

dwar deroga mir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih iċ-ċjanur tal-idroġenu mogħtija mill-Polonja f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2019) 8346)

(It-test bil-Pollakk biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 37(2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kumpanija Lučební závody Draslovka a.s. Kolín ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Polonja għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni mogħtija mir-Repubblika Ċeka fir-rigward ta' prodott bijoċidali li fih is-sustanza attiva ċjanur tal-idroġenu ("il-prodott"). Ir-Repubblika Ċeka awtorizzat il-prodott għall-użu professjonali għall-fumigazzjoni f'tipi ta' żoni speċifiċi kontra l-ħanfus li jtaqqab l-injam (tip ta' prodott 8), kontra l-firien (tip ta' prodott 14) u kontra l-ħanfus, il-wirdien u l-baħrijiet (tip ta' prodott 18).

Il-prodott huwa taħlita ta' madwar 98 % ta' ċjanur tal-idroġenu u addittivi stabilizzanti u huwa fornut kompletament mgħaddas f'materjal poruż f'bottijiet tal-azzar ta' 1,5 kg li ma joħroġx gass minnhom jew bħala likwidu f'ċilindri tal-azzar inossidabbli bi pressjoni għolja ta' 27,5 kg. Iċ-ċjanur tal-idroġenu huwa kklassifikat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] kif ġej: Acute Tox. Kategorija 1, kodiċijiet ta' periklu H300, H310 u H330 (fatali jekk jinbela', jekk imiss mal-ġilda jew jekk jinġibed man-nifs) u STOT RE 1, kodiċi ta' periklu H372 (jikkawża ħsara lit-tirojde wara esponiment fit-tul u ripetut).

(2) Wara li qieset l-informazzjoni kollha inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni tal-prodott u fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali, speċjalment il-klassifikazzjoni tal-prodott u r-riskju għas-saħħa tal-bniedem, fis-13 ta' Settembru 2017 l-awtorità kompetenti Pollakka esprimiet tħassib serju f'ittra lill-applikant fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini Pollakki li kieku l-prodott kellu jitqiegħed fis-suq Pollakk.

(3) B'risposta għal dik l-ittra, l-applikant ippropona li ssir laqgħa mal-awtorità kompetenti Pollakka, li saret fit-22 ta' Settembru 2017, sabiex jiġi diskuss it-tħassib espress u fid-29 ta' Settembru 2017 bagħtet ittra bil-fehmiet tagħha dwar l-argumenti mqajma mill-awtorità kompetenti Pollakka. Wara d-diskussjoni mal-applikant, l-awtorità kompetenti Pollakka kkonsultat mal-awtoritajiet Pollakki responsabbli għas-saħħa pubblika, għas-sigurtà pubblika u għall-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, biex tikseb il-fehmiet tagħhom dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodott. L-awtoritajiet kollha kkonsultati esprimew tħassib serju fir-rigward tat-tqegħid tal-prodott fis-suq Pollakk. Fil-21 ta' Ġunju 2018, l-awtorità kompetenti Pollakka infurmat lill-applikant bl-intenzjoni tagħha li tipproponi li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni tal-prodott, abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-awtorità kompetenti Pollakka stiednet lill-applikant biex jirtira l-applikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku tal-prodott fil-Polonja.

(4) Fit-tweġiba tiegħu tal-20 ta' Lulju 2018, l-applikant ikkomunika n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-punti mqajma mill-awtorità kompetenti Pollakka u indika l-intenzjoni tiegħu li ma jirtirax l-applikazzjoni. Bħala riżultat, fit-23 ta' Ottubru 2018, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(2), il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni bin-nuqqas ta' qbil kontinwu.

---

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

(5) Mill-ġustifikazzjoni mressqa mill-awtorità kompetenti Pollakka, jidher li ċerti riskji li jirriżultaw mill-proprjetajiet kimiċi u fiżiċi tas-sustanza attiva fil-prodott ma jistgħux jiġu ġestiti b'mod sodisfaċenti fil-Polonja. Dawk ir-riskji huma relatati man-nuqqas ta' mezzi effettivi disponibbli biex jiġi pprovdut trattament immedjat f'każ ta' avvelenament aċċidentali matul l-applikazzjoni tal-prodott

(6) Skont is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-prodott, l-operaturi għandhom ikunu mgħammra b'kaxxa tal-ewwel għajnuna li jkun fiha, fost affarijiet oħra, antidotu. L-awtorità kompetenti Pollakka indikat li din il-kundizzjoni ma tistax tiġi ssodisfata fil-Polonja. F'konformità mal-liġi Pollakka, l-antidoti għaċ-ċjanur tal-idroġenu ma jistgħux jiġu ddistribwiti jew maħżuna minn entitajiet oħra barra mill-ispiżeriji jew mill-ispiżeriji tal-isptar. Għalhekk ma jkunx possibbli għal detentur tal-awtorizzazzjoni li jipprovdi l-antidotu flimkien mal-prodott bijoċidali. Barra minn hekk, l-ambulanzi mhumiex mgħammra bl-antidoti. Peress li huwa impossibbli li tiġi żgurata l-amministrazzjoni immedjata ta' antidoti lil vittmi possibbli ta' avvelenament fil-post fejn isir il-fumigazzjoni, skont l-awtorità kompetenti Pollakka, l-avvelenament jista' jirriżulta f'mewt tal-vittmi jew f'impatt sever fuq is-saħħa.

(7) Prodotti tal-fumigazzjoni oħrajn, li jkun fihom sustanzi attivi oħra minbarra ċ-ċjanur tal-idroġenu (eż. il-fosfur tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina, il-fosfur tal-manjeżju li jirrilaxxa l-fosfina) bħalissa huma awtorizzati għall-użu fis-suq Pollakk. Għall-ebda wieħed minn dawk il-prodotti, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ma jeħtieġ li l-operaturi jkunu mgħammra b'antidoti.

(8) Wara li analizzat il-ġustifikazzjoni mressqa mill-awtorità kompetenti Pollakka u l-fehmiet espressi mill-applikant fl-ittra tiegħu tal-20 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni tqis li, minħabba l-proprjetajiet perikoluż tas-sustanza attiva u d-diffikultajiet fil-ġestjoni tar-riskji għas-saħħa relatati mal-użu tal-prodott fil-Polonja, id-deroga mir-rikonoxximent reċiproku proposta mill-awtorità kompetenti Pollakka, jiġifieri r-rifjut propost li tingħata awtorizzazzjoni, hija ġġustifikata abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin, imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Id-deroga mir-rikonoxximent reċiproku proposta mill-Polonja, jiġifieri r-rifjut li tingħata awtorizzazzjoni, għall-prodott bijoċidali msemmi fil-paragrafu 2 hija ġġustifikata abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

2. Il-paragrafu 1 japplika għall-prodott bijoċidali identifikat permezz tan-numru tal-każ li ġej, kif previst fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali:

BC-SV012547-08.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni